## SAJJIEDA TAL-BNEDMIN

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta**
**Isaija. Is 6, 1-2a, 3-8**

Fis-sena li fiha miet is-sultan Għużżija, jiena rajt lil Sidi bilqiegħda fuq tron għoli merfugħ 'il fuq; djul il-libsa tiegħu kienu jimlew it-tempju. 'Il fuq minnu kien hemm is-serafini, li kienu jgħajtu u jwieġbu lil xulxin:
"Qaddis, qaddis, qaddis, hu l-Mulej ta' l-eżerċti.
L-art kollha mimlija bis-sebħ tiegħu.''
Bl-agħjat tagħhom is-sisien ta' l-egħtiebi theżhżu, u t-tempju mtela bid-duħħan.
Imbagħad jiena għidt:
"Jaħasra għalija! Mitluf jien!
Bniedem b'xofftejh imniġġsa jien,
u f'nofs poplu b'xofftejh imniġġsa ngħammar;
madankollu rajt b'għajnejja lis-Sultan,
Il-Mulej ta' l-eżerċti.''
Wieħed mis-serafini ttajjar lejja, b'ġamra nar f'idu li hu kien qabad bi mqass minn fuq l-altar, u messli fommi biha u qalli:
"Ara, din messitlek xofftejk:
ħżunitek għabet, u dnubek inħafer.''
Imbagħad smajt leħen il-Mulej igħid: "Lil min se nibgħat? Min se jmurilna?'' U jien weġibt: "Hawn jien: ibgħat lili!''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 137**
**Quddiem l-anġli, Mulej, ngħannilek.**

Irroddlok ħajr, Mulej, b'qalbi kollha,
quddiem l-anġli rrid ngħannilek,
Ninxteħet quddiem it-tempju mqaddes tiegħek.

**R/. Quddiem l-anġli, Mulej, ngħannilek.**

Irrodd ħajr lil ismek
għat-tjieba tiegħek u għall-fedelta' tiegħek.
Fil-jum li fih sejjaħtlek, smajtni,
kattartli l-qawwa f'ruħi.

**R/. Quddiem l-anġli, Mulej, ngħannilek.**

Ifaħħruk, Mulej, is-slaten kollha ta' l-art,
għax semgħu kliem fommok,
U jgħannu l-imġiba tal-Mulej,
għax kbir hu sebħ il-Mulej.

**R/. Quddiem l-anġli, Mulej, ngħanniulek.**

Il-leminija tiegħek issalvani.
Il-Mulej itemm għalija kelmtu.
It-tjieba tiegħek, Mulej, tibqa' għal dejjem,
la titlaqx egħmil idejk.

**R/. Quddiem l-anġli, Mulej, ngħanniulek.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin.**
**1 Kor 15, 1-11**

Ħuti: irrid infakkarkom fl-evanġelju li ħabbartilkom, li intom ilqajtu u li fih qegħdin iżżommu sħiħ. Bih intom salvati, bil-kelma li jien ħabbartilkom, jekk qegħdin iżżommuha u jekk il-fidi tagħkom ma kinetx għalxejn.
Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, iġifieri, li Kristu miet minħabba fi dnubietna, skond l-Iskrittura; difnuh, u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skond l-Iskrittura. U deher lil Kefa, u mbagħad lit-Tnax. Deher imbagħad lil aktar minn ħames mitt aħwa dixxipli flimkien . Ħafna minnhom għadhom ħajjin sa llum: xi wħud minnhom raqdu. Deher imbagħad lil Ġakbu, u wara lill-appostli kollha. Fl-aħħar deher lili wkoll, wara kulħadd qisni twelidt barra miż-żmien. Għax jien l-inqas wieħed fost l-appostli, u ma jistħoqqlix nissejjaħ appostlu, għaliex kont naħqar il-Knisja ta' Alla.
Imma, bil-grazzja ta' Alla, jien dak li jien, u l-grazzja tiegħu fija ma sefgħetx fix-xejn, għax tħabatt ħafna aktar minnhom ilkoll; għad li mhux jien, iżda l-grazzja ta' Alla li hi miegħi. Imma sew jekk huma u sew jekk jien, dan aħna xandarna, u dan emmintu intom.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Jien hu t-Triq, is-Sewwa, u l-Ħajja, igħid il-Mulej;
ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux bija.
**Hallelujah.**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġrelju ta' San Luqa.**
**Lq 5, 1-11**

Jum wieħed il-kotra bdiet tross fuq Ġesu' biex tisma' l-kelma ta' Alla. Hu kien qiegħed f'xatt il-għadira ta' Ġenesaret. U ra żewġ dgħajjes qegħdin max-xatt; is-sajjieda kienu niżlu minn fuqhom u kienu qegħdin jaħslu x-xbiek. Tela' fuq waħda minnhom, li kienet ta' Xmun, u talbu jaqla' kemmxejn 'il barra mill-art; imbagħad xteħet bilqegħda u qagħad igħallem lin-nies mid-dgħajsa.
Meta temm li kellu jgħid, qal lil Xmun: "Aqdef 'il barra fil-fond, u kalaw ix-xbiek tagħkom għas-sajd.'' Wieġbu Xmun u qallu: "Mgħallem, għamilna lejl sħiħ nitħabtu

u ma qbadna xejn. Imma, la qiegħed tgħid int, ħa nkala x-xbiek.'' Hekk għamlu u qabdu kotra hekk kbira ta' ħut li x-xbiek tagħhom kienu għoddhom inqasmu. Għalhekk għamlu sinjal lil sħabhom, li kienu fid-dgħajsa l-oħra, biex jiġu jagħtuhom daqqa ta' id. Dawk ġew, u mtlew iż-żewġ dgħajjes hekk li għal ftit ma għerqux. Xmun Pietru, kif ra dan, ixteħet f'riġlejn Ġesu' u qallu: "Tbiegħed minni, Mulej, għaliex jiena raġel midneb!'' Għax inħataf bil-għaġeb, kemm hu u kemm dawk kollha li kienu miegħu, għal dik il-qabda ħut li qabdu. U hekk ukoll ġralhom Ġakbu u Ġwanni, ulied Żebedew li kienu sħab Xmun.
Imbagħad Ġesu' qal lil Xmun: "Tibżax; minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies.'' Meta mbagħad ressqu d-dgħajjes ma' l-art, telqu kollox u marru warajh.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**